**Kunsill Reġjun Punent**

Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali Marsa, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **33**

Laqgħa Urġenti tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' għal Laqgħa Urġenti numru **33**, li inżammet online nhar it-**Tlieta 2 ta' April, 2024** fil-**7.30pm**.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

/

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

Ir-Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Dominic Grech

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Mark Camilleri

Ħad-Dingli: Sindku Raymond Schembri.

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ħal Safi Sindku s-Sur Johan Mula.

Ħal Kirkop: Sindku s-Sur Terence Agius

L-Imqabba Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-19:37 sa 19:47 ta' filgħaxija.

**33.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, is-Sindku ta l-Imqabba Sa. Marie Grace Zerafa; is-Sindku ta' Ħal-Kirkop is-Sur Terence Agius u is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**33.02 Kunsiderazzjoni għall-ħatra ta' Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv.**

Il-President informa lil membri dwar id-diversi d-diskusjonijiet li kellu ma' DG Vassallo dwar il-post vakanti ta' Segretraju Eżekuttiv, u kif ilna xhur nippruvaw nimlew dan ir-rwol bla ebda suċċess. Semma kif ukoll ġew avviċinati u mħajjra diversi persuni li jistgħu jaqdu dan ir-rwol hekk kif kien mgħarraf li sakemm jerġa ssir il-proċess ta' sejħa u aġġudikazjoni jista' jkun il-każ li tinstab persuna li tkun tokkupa l-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv li tinħatar fuq approvazzjoni tal-Ministru (normalment fuq rakkomandazzjoni tad-DLG).

Il-President spejga lis-Sindki li r-Reġjun Punent ma setax jaħtar Deputat Segretarju minħabba li preżentament għandu Aġent Deputat. Semma ukoll li minħabba il-fatt li l-Aġent Deputat m'għadx għanda wisq ħin x'toffri speċjalment matul il-ġimgħa u il-fatt li ser tkun qed tikkontensta għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali kien ilu jingħaddlu sabiex jidentifika lil xi ħadd ieħor floka.

Il-President ippropona lil membri preżenti sabiex nipproponu lis-Sa. T. Farrugia li tista taqdi l-funzjoni tajjeb sakemm jinħarġu is-sejħiet ta' Segretarji Eżekuttivi fejn se tkun qed taħdem part-time sakemm taplika għas-sejħa li se joħroġ id-dipartiment stess.

Sekondant: Sindku ta' Had-Dinġli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**33.03 Tmiem il-laqgħa Urġenti.**

Il-laqgħa intemmet 19:47 ta' fil-għaxija.